

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/1000**tal-14 ta' Marzu 2019****li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2017/1799 fir-rigward tal-eżenzjoni tal-People's Bank of China mir-reqwiziti ta' trasparenza ta' qabel u wara n-negozjar tar-Regolament (UE) Nru 600/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 600/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-wieq tal-istrumenti finanzjarji u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 1(9) tiegħu,

Billi:

- (1) It-tranżazzjonijiet fejn il-membri tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali (SEBĊ) ikunu kontropartijiet huma eżentati mir-reqwiziti ta' trasparenza tan-negozjar skont l-Artikolu 1(6) tar-Regolament (UE) Nru 600/2014 sakemm dawn it-tranżazzjonijiet isegwu l-politika monetarja, tal-munita barranija jew tal-istabbiltà finanzjarja.
- (2) Din l-eżenzjoni mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 600/2014 tista' tiġi estiża, f'konformità mal-Artikolu 1(9) ta' dak ir-Regolament, għal banek ċentrali ta' pajjiżi terzi kif ukoll għall-Bank għall-Flasijiet Internazzjonali.
- (3) Il-lista ta' banek ċentrali ta' pajjiżi terzi eżentati stabbilita fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/1799 ⁽²⁾ jenħtieġ li tiġi aġġornata, fosthom bil-għan li testendi, fejn xieraq, il-kamp ta' applikazzjoni tal-eżenzjoni stipulata fl-Artikolu 1(6) tar-Regolament (UE) Nru 600/2014 għal banek ċentrali oħrajn ta' pajjiżi terzi, jew biex tali entitajiet pubbliċi jitneħħew mil-lista. Il-Kummissjoni ssegwi u tivvaluta l-iżviluppi rilevanti f'pajjiżi terzi u tista' tagħmel rieżami tal-eżenzjoni addizzjonali fi kwalunkwe mument.
- (4) Fid-dawl tal-informazzjoni rċevuta mingħand ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, il-Kummissjoni ħejjiet u ppreżentat rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill li jivvaluta t-trattament internazzjonali tal-People's Bank of China. Ir-rapport ⁽³⁾ ikkonkluda li jkun xieraq li l-bank ċentrali tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina jingħata eżenzjoni mir-reqwiziti ta' trasparenza ta' qabel u wara n-negozjar tar-Regolament (UE) Nru 600/2014. B'konformità ma' dan, il-lista ta' entitajiet pubbliċi eżentati elenkati fir-Regolament Delegat (UE) 2017/1799 jenħtieġ li tiġi emendata biex tinkludi l-People's Bank of China.
- (5) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Grupp ta' Esperti tal-Kumitat Ewropew tat-Titoli.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness tar-Regolament Delegat (UE) 2017/1799 huwa sostitwit bit-test fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

⁽¹⁾ ĠUL 173, 12.6.2014, p. 84.⁽²⁾ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/1799 tat-12 ta' Ġunju 2017 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 600/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-eżenzjoni ta' ċerti banek ċentrali ta' pajjiżi terzi waqt it-twertiq tagħhom ta' politika monetarja, tal-kambju u tal-istabbiltà finanzjarja minn reqwiziti ta' trasparenza ta' qabel u wara n-negozjar (ĠUL 259, 7.10.2017, p. 11).⁽³⁾ Ir-Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-eżenzjoni tal-Bank Ċentrali tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina skont ir-Regolament dwar is-Swieq fi Strumenti Finanzjarji (MiFIR) [COM(2019) 143 tal-14.3.2019].

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Marzu 2019.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

ANNEX

1. L-Awstralja:
 - Reserve Bank of Awstralja;
 2. Il-Brażil:
 - Central Bank of Brazil;
 3. Il-Kanada:
 - Bank of Kanada;
 4. Ir-Reġjun Amministrattiv Speċjali ta' Hong Kong:
 - Hong Kong Monetary Authority;
 5. L-Indja:
 - Reserve Bank of India;
 6. Il-Ġappun:
 - Bank of Japan;
 7. Il-Messiku:
 - Bank of Mexico;
 8. Ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina:
 - People's Bank of China
 9. Ir-Repubblika tal-Korea:
 - Bank of Korea;
 10. Singapor:
 - Monetary Authority of Singapore;
 11. L-Iżvizzera:
 - Swiss National Bank;
 12. It-Turkija:
 - Central Bank of the Republic of Turkey;
 13. ir-Renju Unit:
 - Bank of England
 14. L-Istati Uniti tal-Amerka:
 - Federal Reserve System;
 15. Il-Bank għall-Ħasijiet Internazzjonali.
-